MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 253/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Colombo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Colombo talli f'dawn il-Gzejjer Maltin b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminjiet differenti jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat talli ghax-xhur ta' Jannar 2006, Frar 2006, Marzu 2006 u April 2006 meta hekk ordnat mill-Qorti (Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja) quddiem Imhallef Raymond C. Pace LL.D. datat 30/11/05 Citaz. 2272/97RCP meta hekk ordnat mill-Qort, naqas li jaghti lil martu Maria Dolores Colombo s-somma ffissata minn dik

il-Qorti bhala manteniment ghaliha u/jew ghal wild, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jkollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Lulju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christopher Colombo hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap. 9, ikkundannatu ghal detenzjoni ghal zmien xahrejn;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Christopher Colombo pprezentat fil-11 ta’ Lulju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata jew, fin-nuqqas, tirriforma l-imsemmija sentenza billi tapplika piena aktar miti;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti ta’ l-Appell Kriminali 39/06 deciz fit-13 ta’ Lulju 2006;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fost l-aggravji ta’ l-appellant hemm dak li huwa diga` hallas il-manteniment dovut ghall-perijodu ndikat fic-citazzjoni, liema pagament sar f’Gunju 2006.

Fis-seduta tallum mart l-appellant, tramite d-difensur taghha Dott. Edward Gatt, stqarret illi effettivament taqbel li l-imsemmi pagament sar. Naturalment, peress illi l-pagament sar fil-mori ta’ dawn il-proceduri, tibqa’ assodata l-htija ta’ l-appellant dwr l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b’hekk tibqa’ biss il-kwistjoni tal-piena.

Issa, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra

mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

Pero` kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**"l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament".**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahrejn detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ ammenda ta’ hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25) li, jekk ma tithallasx skond il-ligi, tigi konvertita f’detenzjoni ta’ hamest ijiem skond l-artikolu 13(2) tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.